MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tad-19 ta' Frar, 2004

Ċitazzjoni Numru. 584/1980/1

**Frank, Lawrence, Ġemma,u Mary aħwa PAĊE, u b'Degriet tal-11 ta' Mejju, 1988, is-Soċjeta' Joe-Joe Company Limited ġiet imsejħa fil-kawża, u b'Degriet tat-18 ta' Marzu, 1994, ġew imsejħin fil-kawża Frank Galea Paċe u Joseph Galea Paċe għan-nom u in rappreżentanza tas-Soċjeta' Joe-Joe Co. Ltd., u b'Degriet tal-20 ta' Mejju, 1996, il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Ġemma Paċe konsegwenti l-mewt ta' Mary Paċe**

**vs**

**KUMMISSARJU TAL-ARTIJIET u, b'Degriet tas-27 ta' Novembru, 1981, ġie msejjaħ fil-kawża Joseph Moran, u b'Degriet tas-16 ta' Mejju, 2003, l-Avukat Dottor Renzo Porsella Flores u l-P.L. Luisa Tufigno nħatru Kuraturi Deputati biex jirrappreżentaw lill-assenti msejjaħ fil-kawża Joseph Moran**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fil-21 ta' Mejju, 1980, li bih l-atturi ippremettew:

Illi b'kuntratt in atti Nutar Herman Borg tat-2 t'Awissu, 1972 il-konvenut xtara mingħand Joseph Moran kwart indiviż ta' biċċa art tal-kapaċita ta' mija ħamsa u ħamsin qasba kwadri formanti parti mill-għalqa fid-distrett "Ta Tawlin" jew "Tal-Barrani" magħrufa bħala 'Tal-Ħawwien" fil-limiti taż-Żejtun, kif jidher mill-anness kuntratt (Dok. "A:");

Illi din l-art ma kienitx proprjeta' tal-fuq imsemmi Joseph Moran iżda tappartjeni lill-atturi kif jiġi pruvat fit-trattazzjoni tal-kawża;

Għalhekk l-atturi talbu lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandux:

1. Prevja id-dikjarazzjoni li l-art fuq deskritta hija proprjeta' tal-atturi;

2. M'għandux l-istess konvenut jiġi kkundannat li jirrilaxxja l-art fuq imsemmija favur l-atturi; u

3. Jiġi nominat Nutar biex jirċevi l-att opportun u kuratur biex jirrapreżenta, jekk ikun il-każ il-kontumaċi;

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-protest tal-10 ta'Lulju, 1978 kontra l-konvenut li huwa inġunt għas-subizzjoni;

B'riserva għal kull azzjoni għad-danni;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-atturi, flimkien maż-żewġ (2) dokumenti mehmużin magħha;

Rat in-Nota mressqa fis-16 ta' Ġunju, 1980, li biha l-imħarrek Kummissarju tal-Artijiet eċċepixxa:

1. Preliminarjament il-ġudizzju mhux integru stante li Joseph Moran li mingħandu akkwista l-esponenti huwa ċertament interessat fl-eżitu ta' din il-kawża;

2. Subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess l-eċċipjent akkwista sewwa mingħand l-istess Joseph Moran;

3. Illi fi kwalunkwe każ l-atturi jridu jippruvaw li huma l-aventi kawża ta' Lorenzo Pace;

4. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess it-tieni talba attriċi hija inutili stante li ħadd ma jirrilaxxja kwart indiviż ta' art u għalhekk l-eċċipjent ma għandux ibati spejjeż ta' din it-talba;

5. Illi fi kwalunkwe każ l-art li qed jokkupa l-eċċipjent qed jokkupaha bis-saħħa tal-liġi a tenur tal-artikolu 11(2) tal-Land Acquisition Ordinance (Kap. 136) oltre l-kwart indiviż akkwistat mingħand Joseph Moran;

6. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess inutili ukoll hija t-tielet talba stante li l-atturi kellhom jitolbu r-rexxissjoni tal-att li bih akkiwsta l-eċċipjent u f'każ ta' eżitu favorevoli għalihom jinsinwaw is-sentenza relattiva u għalhekk l-eċċipjenti ma għandhomx ibatu spejjeż la ta' din it-talba u anqas tal-pubblikazzjoni eventwali tal-att rikjest minnhom;

Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imħarrek;

Rat id-Degriet tas-27 ta' Novembru, 1981[1], li bih u fuq talba tal-atturi l-Qorti ordnat li jissejjaħ fil-kawża Joseph Moran, awtur tal-imħarrek, fid-dawl ta' liema ordni l-imħarrek irrinunzja għall-ewwel eċċezzjoni tiegħu;

[1] Paġ. 28 tal-proċess

Rat id-Degriet tal-11 ta' Mejju, 1988[2], li bih u fuq talba magħmula mill-atturi b'rikors tagħhom tal-10 ta' Mejju, 1988, il-kumpannija Joe-Joe Company Limited issejħet fil-kawża;

Rat id-Degriet tagħha (diversament presjeduta) tas-6 t'April, 1992[3], li bih ħalliet il-kawża *sine die*;

Rat id-Degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-21 t'Awissu, 1992[4], wara żewġ rikorsi mressqin mill-atturi fit-3 ta' Lulju, 1992, u fl-10 t'Awissu, 1992, li bih reġgħet qegħdet il-kawża għas-smigħ;

Rat id-Degriet tagħha (diversament presjeduta) tas-26 ta' Frar, 1993[5], li bih ħatret lill-Avukat Dottor Silvio DeMicoli bħala Assistent Ġudizzjarju biex jisma' x-xhieda tal-partijiet, liema ħatra ġiet mibdula b'Degriet ieħor tad-29 ta' Ottubru, 1993[6], li bih l-Avukat Dottor Maria Dolores Gauċi nħatret bħala Assistent Ġudizzjarju sostitut;

Rat id-Degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-18 ta' Marzu, 1994[7], fuq talba oħra magħmula b'rikors tal-atturi tal-4 ta' Marzu, 1994[8], li bih ordnat li jissejħu fil-kawża Frank Galea Paċe u Joseph Galea Paċe f'isem u in rappreżentanza tal-kumpannija Joe-Joe Company Limited, li kienet diġa' ġiet imsejħa fil-kawża madwar sitt (6) snin qabel;

Rat ix-xhieda kollha mressqa mill-partijiet quddiem l-Assistent Ġudizzjarju, u kif ukoll il-provi dokumentali esebiti;

Rat id-Degriet tagħha (diversament presjeduta) tad-29 ta' Novembru, 1995[9], li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza bil-fakulta' li l-partijiet iressqu Noti ta' Sottomissjonijiet;

---

[2] Paġ. 64 tal-proċess
[3] Paġ. 83 tal-proċess
[4] Paġ. 88 tal-proċess
[5] Paġ. 91 tal-proċess
[6] Paġ. 94 tal-proċess
[7] Paġ. 109 tal-proċess
[8] Paġ. 107 tal-proċess
[9] Paġ. 158 tal-proċess

Rat il-verbal tas-smigħ tas-16 ta’ Frar, 1996[10], li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, il-Qorti waqfet milli tgħaddi għall-għoti tas-sentenza u ordnat li, qabel kull ħaġa oħra, l-atturi jieħdu ħsieb iwettqu l-ħtiġijiet imsemmija fid-Degriet mogħti minnha dak inhar;

Rat id-Degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-14 ta’ Frar, 2001, li bih reġgħet għaddiet il-proċess lill-Assistent Ġudizzjarju Dottor Maria Dolores Gauċi biex tisma’ l-provi li kien għad fadal;

Rat in-Nota mressqa fit-18 ta’ Ġunju, 2003, li biha l-Kuraturi Deputati maħtura għall-assenti msejjaħ fil-kawża Joseph Moran eċċepew li huma ma jafu xejn bil-fatti li wasslu għall-kawża u għalhekk jirriservaw id-dritt li jressqu l-eċċezzjonijiet tagħhom aktar ‘il quddiem;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imsemmija Kuraturi Deputati;

Rat in-Nota mressqa mill-Kuraturi Deputati fl-14 ta’ Ottubru, 2003[11], u t-tagħrif mogħti fiha;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-Degrieti tagħha tal-15 ta’ Ottubru, 2003, u tal-5 ta’ Frar, 2004, li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għar-rivendika ta’ art. L-atturi jgħidu li sehem mhux maqsum ta’ art magħrufa bħala “Tal-Ħawwien” fil-qasam magħruf bħala “Ta’ Tawlin” jew “Tal-Barrani”, fil-limiti taż-Żejtun u li l-imsejjaħ fil-kawża Joseph Moran kien għadda b’titolu ta’ xiri u bejgħ lill-imħarrek Kummissarju tal-Artijiet huwa tagħhom. Huma qegħdin

[10] Paġġ. 159-160 tal-proċess
[11] Paġ. 244 tal-proċess

jitlobu għarfien tat-titolu tagħhom u li l-imħarrek jgħaddi lura lilhom is-sehem tal-art minnu miksub;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrek laqa' billi qal li l-azzjoni messha saret ukoll kontra min biegħ lilu. Seħaq li hu kien xtara sewwa u li ma jistax jintalab irodd lura sehem mhux maqsum ta' art. Żied jgħid li l-ishma l-oħrajn ta' l-art kien kisibhom b'akkwist għal skopijiet pubbliċi skond il-liġi;

Illi l-fatti ewlenin li jirriżultaw mill-atti juru li fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Marzu tal-elf tmin mija u sitta u tmenin (1886)[12] wieħed Lorenzo Pace, fil-kummerċ, kiseb fost l-oħrajn għalqa mingħand Teresa Debono. Din l-għalqa, li kellha kejl ta' madwar tomna, ħames sigħan u tmien kejliet[13], kienet magħmula minn tlitt iħbula ta' raba' u kamra mibnija fuq naħa minnha. L-għalqa kienet magħrufa bħala "Ta' Xwieki" u tagħmel parti mill-qasam "Ta' Tablin" fil-limiti taż-Żejtun. L-għalqa kienet ħielsa minn kull piż u kienet tgawdi servitu ta' mogħdija minn fuq ġid ta' ħdejha. Lorenzo Paċe kien il-bużnannu tal-atturi. B'kuntratt ta' qasma tat-tmienja (8) ta' Mejju, tal-elf disa' mija u tmintax (1918)[14], lil Carmela mart Francesco Busuttil ġiet assenjata l-għalqa "Tal-Barrani", fil-limiti taż-Żejtun. Fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Ġunju, tal-elf disa' mija u tnejn u għoxrin (1922)[15], Tommaso Moran biegħ lil ħuh Alfonso n-nofs (1/2) mhux maqsum tal-għalqa magħrufa bħala "Ta' Sqaq Ħawwiex", fil-qasam magħruf bħala "Ta' Tavlin", fil-limiti taż-Żejtun, li kienet ġiet assenjata lilu fl-imsemmi kuntratt ta' qasma;

Illi fl-1954 il-Gvern ħareġ avviż ta' esproprju ta' art fil-limiti taż-Żejtun, biex fuqha jgħaddi triq pubblika. It-triq saret matul l-1955[16] li llum iġġib l-isem ta' Vjal il-Ħamsa u Għoxrin ta' Novembru. Fit-tnejn (2) t'Awissu, tal-elf disa' mija u wieħed u sebgħin (1971), il-Gvern ta' Malta kiseb mingħand l-imsejjaħ fil-kawża Joseph Moran kwart (1/4) mhux maqsum mill-art, fil-limiti taż-Żejtun, magħrufa bħala "Ta' Ħawwiex" li tinsab fil-qasam "Ta' Tawlin" jew kif

[12] Dok "B" f'paġġ. 6 sa 10 tal-proċess
[13] Ekwivalenti elfejn mija u tlieta u sebgħin punt tlieta metri kwadri (2173.3 $m^2$), fil-kejl tal-lum
[14] Dok "AM1", f'paġġ. 198 sa 207 tal-proċess
[15] Dok "AM2", f'paġġ. 208 sa 210 tal-proċess
[16] Xhieda ta' Adriano Gouder 25.4.1984, f'paġ. 131 tal-proċess

imsejjaħ ukoll "Tal-Barrani". L-art kellha kejl ta' mija u ħamsa u ħamsin qasba kwadra (155 cn$^2$)[17]. Il-kawża nfetħet f'Mejju tal-1980;

Illi, għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' dritt li jirrigwardaw il-każ, din il-Qorti tibda biex tosserva li, mill-aspett proċedurali, din il-kawża tista' tkun karatterizzata minn anomalija. Dan jingħad għaliex, wara li l-atturi kienu fetħu l-kawża, kienu ntebhu li hemm persuna oħra taqsam magħhom is-sehem mhux maqsum tagħhom mill-art in kwestjoni. Il-biżgħa li l-ġudizzju ma jkunx sħiħ wassalhom sabiex, għal darbtejn, jitolbu s-sejħa fil-kawża tal-kumpannija Joe-Joe Company Limited, li huma jgħidu għandha sehem mill-imsemmi sehem. It-talba tagħhom intlaqgħet darbtejn, iżda ġiet riflessa fl-atti bħala sejħa fil-kawża fil-parti attriċi. Is-sejħa fil-kawża vera u proprja, bħala intervent imġiegħel, ma tista' tkun qatt sejħa għal żieda f'parti attriċi, imma dejjem man-"naħa" tal-parti mħarrka u qatt ma tista' ssir biex tibdel persuna mħarrka ħażin . Hemm, imbagħad, ċirkostanzi limitati fejn is-sejħa tista' ssir mill-attur, għall-kuntrarju ta' dak li normalment japplika fil-każ meta s-sejħa fil-kawża tintalab mill-imħarrek, bħalma ġara wkoll f'dan il-każ meta ġie msejjaħ fil-kawża Joseph Moran, l-awtur tal-konvenut. Fis-sewwa, dak li messu sar kien li l-kumpannija Joe-Joe Company Limited tidħol fil-kawża *in statu et terminis*, u b'hekk ikun assikurat xorta waħda li l-ġudizzju sar integru u sħiħ, jekk tabilħaqq qabel ma kienx;

Illi b'din il-preċiżazzjoni, u b'ħarsien tal-prinċipju li l-atti għandhom safejn possibbli jiġu salvati, il-Qorti qegħda tqis, għall-finijiet tal-artikolu 175(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li l-kumpannija Joe-Joe Company Limited u Frank Galea Paċe u Joseph Galea Paċe daħlu fil-kawża *in statu et terminis*. Dan jingħad ukoll barra ma jittieħed qies li, kif sejjer jintwera iżjed 'l isfel, ma jidhirx li kien meħtieġ li jiddaħħlu fil-kawża l-komproprjetarji kollha biex l-azzjoni setgħet titmexxa 'l quddiem;

[17] Ekwivalenti għal sitt mija u tmenin punt sitta metri kwadri (680.6 m$^2$), fil-kejl tal-lum

Illi l-Qorti ma tistax ma tosservax ukoll li, minkejja li l-kawża ilha li nfetħet sa mill-1980, l-ewwel xhieda ma ngħatatx qabel Frar ta' erbatax-il sena wara, jiġifieri fi Frar tal-1994. Għal żmien twil ma sar xejn ta' siwi biex il-kawża tasal għal tmiemha, u kien hemm ukoll żmien matul l-1995 meta l-kawża kienet saħansitra tħalliet għas-sentenza, iżda tfaċċaw ostakli proċedurali li reġgħu waqqfu l-mixi 'l quddiem tal-kawża waqt li gerrbu s-snin;

Illi, meħuda fit-tifsila sempliċi u fil-qofol tagħha, l-azzjoni attriċi hija dik tar-rivendika, jew aħjar l-azzjoni li biha l-attur qiegħed jitlob li jiġi dikjarat sid ta' ġid immobbli li huwa f'idejn l-imħarrek bil-ħsieb li jieħdu lura f'idejh[18];

Illi d-duttrina tgħallem li sid rivendikant m'għandux għalfejn jitlob tabilfors dikjarazzjoni tan-nullita' tal-att aljenatorju li bis-saħħa tiegħu l-beni jkun ġie f'idejn l-imħarrek, sabiex iseħħlu jirbaħ lura dak il-beni mingħand l-istess imħarrek[19]. Bl-istess mod, tkun tiswa l-azzjoni tar-rivendika jekk kemm-il darba l-attur rivendikant jitlob it-tħassir tal-att aljenatorju mingħajr ma tkun saret talba speċifika biex jiġi dikjarat li l-fond jappartieni lilu[20];

Illi huwa mogħti wkoll il-jedd li tressaq l-azzjoni ta' rivendika lil dik il-persuna li tkun sid ma' oħrajn tal-ġid rivendikat, ukoll jekk is-sehem tagħha huwa wieħed mhux maqsum jew saħansitra mhux magħruf jew definit[21]. U persuna li għandha ġid flimkien ma' ħaddieħor ma jidhirx li teħtieġ is-sehem jew il-kunsens tal-komproprjetarji l-oħrajn biex tkun tista' tiftaħ azzjoni għar-rivendika[22], u dan billi m'hemmx rapport ġuridiku bejn min jokkupa fond mingħajr titolu u s-sidien l-oħrajn tal-istess fond[23];

Illi, kif inhu wkoll magħruf u aċċettat fid-duttrina, azzjoni ta' din l-għamla titfa' piż qawwi fuq min jagħmilha għaliex irid iressaq l-aqwa provi dwar il-jedd tiegħu fuq il-beni li jrid jieħu lura f'idejh. Din ir-regola waslet biex ħolqot il-frazi

---

[18] Art 322(1) tal-Kap 16

[19] P.A. **1.2.1936**, fil-kawza fl-ismijiet ***Scicluna vs Farrugia pro et noe*** (Kollezz. Vol: **XXIX.ii.933**) u r-riferenzi ghall-awturi u kazijiet ohrajn hemm imsemmija

[20] P.A. **16.1.1956** fil-kawża fl-ismijiet ***Dagri et vs Micallef et*** (Kollez. Vol: **XL.ii.688**)

[21] P.A. **15.10.1959** fil-kawża fl-ismijiet ***Żammit vs Żammit et*** (Kollez. Vol: **XLIII.iii.778**)

[22] P.A. **17.6.1963** fil-kawża fl-ismijiet ***Schembri vs Vasallo*** (Kollez. Vol: **XLVII.ii.863**)

[23] P.A. PS **28.3.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Aġius pro et noe et vs Mario Borġ et***

*"probatio diabolica"* biex turi kemm huwa għoli l-grad meħtieġ ta' prova li jrid iressaq attur f'kawża ta' din ix-xorta: u dan għaliex *actore non probante reus absolvitur*, filwaqt li *in pari causa melior est conditio possidentis*[24] . Mhuwiex għalhekk biżżejjed li l-attur jipprova li l-ġid rivendikat m'huwiex tal-imħarrek[25]. Min-naħa l-oħra, l-imħarrek m'għandu għalfejn jipprova xejn, sakemm ma jġibx 'il quddiem huwa nnifsu l-eċċezzjoni li t-titolu tal-ġid rivendikat jinsab vestit fih[26]. Dan jingħad għaliex jekk fl-azzjoni rivendikatorja l-imħarrek jiddefendi ruħu, mhux fuq il-bażi tal-pussess, imma fuq dik ta' titolu, allura f'dak il-każ il-Qorti jkollha tidħol f'eżami tat-titolu vantat mill-imħarrek u tqis is-siwi tiegħu bl-istess għarbiel li tqis it-titolu tal-attur rivendikant[27];

Illi, fl-aħħarnett, huwa meħtieġ li l-attur, f'kawża bħal din, iġib provi ta' titolu li jkun oriġinali u mhux derivattiv. B'tal-ewwel, l-awturi u d-duttrina tifhem dak it-titolu li jitnissel favur persuna mingħajr ma jkun mgħoddi lilu minn ħaddieħor, filwaqt li titolu derivattiv huwa dak fejn il-jedd jgħaddi mingħand persuna għal għand oħra[28]. Dan ifisser li jista' jkun hemm kisba b'titolu oriġinali wkoll fejn il-ħaġa, qabel, kienet ta' ħaddieħor imma li tkun waslet għand is-sid attwali mingħajr ma tkun ingħaddiet lilu mis-sid ta' qabel: dan iseħħ, per eżempju, fejn wieħed jikseb bil-pussess għal żmien ta' izjed minn tletin sena bla ma qatt ikun ġie mfixkel f'dak il-pussess, jew fejn wieħed iżomm oġġett mitluq minn ħaddieħor għaż-żmien meħtieġ;

Illi, madankollu, u minħabba li f'xi każijiet ikun impossibbli li wieħed juri titolu oriġinali, sa minn dejjem ġie mogħti lir-rivendikant id-dritt li jipprova titolu aħjar minn dak tal-parti mħarrka. Fi kliem ieħor, meta l-kriterji rigorużi tal-azzjoni rivendikatorja ma jistgħux jitwettqu għar-rigward tal-piż tal-prova tat-titolu, l-attur jingħata l-jedd li jipprova titolu aħjar minn tal-parti mħarrka. Din l-azzjoni hija magħrufa bħala

---

[24] App. Ċiv. **25.6.1945**, fil-kawża fl-ismijiet ***Cassar Desain vs Cassar Desain Viani et*** (Kollezz. Vol: **XXXII.i.272**)
[25] App. Ċiv. **12.2.1936** fil-kawża fl-ismijiet ***Curmi et noe vs Depiro et*** (Kollezz. Vol: **XXIX.i.475**)
[26] App. Ċiv.**21.1.1946**, fil-kawża fl-ismijiet ***Agius noe vs Ġenovese et*** (Kollezz. Vol: **XXXII.i.735**) u l- ohra P.A. **17.3.1961**, fil-kawża fl-ismijiet ***Ellul et vs Ellul et*** (Kollezz. Vol.: **XLV.ii.586**)
[27] App. Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Nancy Manġion et vs Albert Beżżina Wettinger***
[28] Ara. Andrea Torrente *Manuale di Diritto Privato* 9ª Ediz. (1975), 29 pp 71 *et. seq.*

l-*actio publiciana (in rem)*, li hija azzjoni rejali ta' għamla petitorja fejn is-saħħa tat-titolu huwa mkejjel *inter partes* u mhux, bħal fil-każ tal-azzjoni rivendikatorja vera u proprja, *erga omnes*. Huwa rimedju li l-Qrati tagħna tawh għarfien, ukoll fil-qafas ta' azzjoni ta' rivendika ta' ġid minn idejn ħaddieħor[29];

Illi dawn il-prinċipji għadhom jitħarsu b'reqqa mill-Qrati tagħna bl-istess fehma qawwija li kienet tintwera sa minn għexur ta' snin f'dan ir-rigward[30];

Illi, fil-każ partikolari, minbarra l-kwestjoni tat-titolu għall-art rivendikata, inqalgħet iċ-ċirkostanza tat-teħid tal-imsemmija art min-naħa tal-Gvern bis-saħħa ta' Dikjarazzjoni esekuttiva ta' esproprju ta' biċċa mill-art skond l-Ordinanza tal-1936 dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi[31]. Fis-sewwa jrid jingħad li ħadd mill-partijiet ma jidher li tefa' wisq siwi fuq din iċ-ċirkostanza u l-ebda naħa ma ressqet it-tagħrif meħtieġ biex dan il-fatt jista' jiġi aċċertat. M'hemm l-ebda dubju, madankollu, li dan seħħ, għaliex il-kuntratt li fuqu l-atturi jsejsu l-azzjoni tagħhom u li bih l-imħarrek Kummissarju tal-Artijiet kiseb it-"titolu" għas-sehem mhux maqsum mill-art mingħand Joseph Moran kien sewwasew kuntratt ta' ħlas ta' kumpens minħabba l-esproprju. F'każ bħal dan, u fid-dawl tal-liġi speċjali li tħares din il-kwestjoni, wieħed irid jara x'effett ikollha dikjarazzjoni ta' esproprju fuq il-jedd tal-azzjoni tar-rivendikant;

Illi ma hemm l-ebda dubju li l-kuntratt li l-atturi jridu jwaqqgħu jitkellem dwar il-kumpens li l-imħarrek Kummissarju tal-Artijiet ħallas lill-imsejjaħ fil-kawża Joseph Moran għal "pakkett" ta' art tal-kejl ta' 155 qasba kwadra li ġie inkorporat fit-triq pubblika fuq imsemmija, u liema kuntratt sar madwar sittax-il sena wara li kienet iffurmata dik it-triq. Fil-każ ta' esproprjazzjoni huwa mgħallem li mal-ħruġ tad-Dikjarazzjoni tal-Gvernatur (illum il-President tar-Repubblika), il-pussess tal-art jew tal-ġid

[29] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **12.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***John Vella et vs Sherlock Camilleri*** u P.A. TM **9.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Benmar Company Ltd. vs Charlton Saliba*** għal espożizzjoni ċara tal-aspetti ta' dritt li jsawru din l-għamla ta' kawża

[30] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **26.5.1998**, fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Buħaġiar*** (Kollezz. Vol: **LXXXII.ii.1730)**

[31] Illum il-Kap 88 tal-Liġijiet ta' Malta

milqut minn dik id-dikjarazzjoni jitneħħa mill-isfera tas-sid[32]. Kif ġie band'oħra mfisser, "sid il-proprjeta' jiġi eżawtorat għal kollox minn kull jedd fir-rigward tal-pussess u tad-disponibilita' materjali tagħha. Disponibilita' materjali li, naturalment, ma testendix ukoll għad-dritt tat-trasferiment tagħha naturalment suġġett għall-fattur ġdid tal-esproprju u tal-limitazzjoni li dan neċessarjament jimplika"[33];

Illi, għalhekk, meta l-Kummissarju tal-Artijiet resaq għall-kuntratt mal-imsejjaħ fil-kawża Moran, kien qiegħed isir l-aħħar pass biex jiġi issaldat il-proċess li bih it-teħid tal-pussess min-naħa tal-Awtorita' pubblika tal-art li kellha ssir triq inbidel fit-teħid ukoll tal-proprjeta' bil-ħlas tal-ammont maqbul ta' kumpens għall-imsemmi teħid. Issa l-kwestjoni li tqum hija dwar x'jiġri meta l-kuntratt għall-ħlas tal-kumpens isir ma' persuna li ħaddieħor jgħid li ma kinitx is-sid veru tal-art. X'effett jibqagħla xilja bħal din ladarba jkun sar il-kuntratt ? U, b'mod partikolari, x'siwi jista' jkollha azzjoni ta' rivendika minn min jgħid li huwa kien sid ta' dak il-ġid, ladarba l-Gvern ikun kiseb il-proprjeta' hu bis-saħħa tal-liġi speċjali?;

Illi jidher li s-soluzzjoni ta' dawn il-mistoqsijiet trid tiġi mfittxija fil-prinċipji hawn fuq imsemmija, u jiġifieri li jekk, minkejja d-Dikjarazzjoni ta' teħid ta' pussess għal għan pubbliku għall-finijiet tal-Liġi, l-Gvern ikollu stat ta' possessur fl-usa' tifsira tal-kelma imma mhux ta' sid, l-jedd ta' l-azzjoni ta' sid biex jirrivendika dik l-art jibqa' bla mittiefes. Jekk, imbagħad ikun sar il-kuntratt, u allura l-jedd tal-Gvern ma jibqax biss wieħed ta' pussess, jidher li huwa daqstant disponibbli għas-sid rivendikant li jressaq l-azzjoni biex jisfida t-titolu miksub mill-Gvern;

Illi f'dan il-waqt il-Qorti qegħda tagħmel riferenza għas-sitt eċċezzjoni tal-imħarrek. Huwa jgħid li l-atturi kien messhom iressqu talba li, jekk is-sehem mill-art mibjugħ lilu mill-imsejjaħ fil-kawża kien tagħhom, imisshom talbu t-tħassir tal-kuntratt (att ta' rexissjoni) u mhux it-talba għar-

[32] Art. 12 tal-Kap 88 u ara P.A. RCP **29.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Stella Aġius vs Anton Camilleri et***

[33] App. Ċiv. **8.6.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Julian Aquilina et vs Ministru tal-Ambjent***

rilaxx tas-sehem hekk miksub. Il-Qorti tqis li huwa prinċipju ewlieni fil-proċedura li l-azzjoni jagħżilha l-attur u mhux il-parti mħarrka u m'huwiex imħolli għall-parti mħarrka li tissuġġerixxi x'azzjoni messu ressaq l-attur. Huwa fuq l-azzjoni kif proposta li l-Qorti tintalab tagħti l-ġudizzju tagħha, u mhux fuq x'azzjoni seta' jew messu ressaq l-attur. L-atturi f'din il-kawża ma għamlux talba għat-tħassir tal-kuntratt bejn l-imħarrek u l-imsejjaħ fil-kawża, imma talbu li l-imħarrek jgħaddi lura lilhom is-sehem minnu miksub billi jitlaq il-pussess;

Illi fil-każ preżenti, din it-talba tista' joħloq diffikulta' mhux ċkejkna, u dan għaliex is-sehem li fuqu tissejjes l-azzjoni attriċi jinsab f'parti ta' ġid li huwa kollu kemm hu inkorporat fi triq pubblika li kien ilha ifformata għadd ta' snin qabel ma l-imħarrek kiseb il-jedd ta' proprjeta' fuqu bil-kuntratt mal-imsejjaħ fil-kawża. Wieħed isibha iebsa biex jifhem kif l-imħarrek jista' jirrilaxxa favur l-atturi biċċa minn triq pubblika. Daqstant ieħor hija iebsa biex wieħed jifhem x'jistgħu jiksbu l-atturi li kieku l-Gvern kellu jirrilaxxa favurihom biċċa triq. Hija l-fehma sħiħa tal-Qorti li meta tingħata xi deċiżjoni minn Qorti fuq talba ta' xi parti f'kawża, tali deċiżjoni trid tkun esegwibbli u mhux mogħtija sempliċement għas-siwi akkademiku jew tejoretiku tagħha. Il-Qorti tifhem li, f'dan il-każ, l-atturi jista' jkollhom ħsieb f'moħħhom wara l-ewwel talba tagħhom, imma ma tistax tilmaħ l-ebda kisba, użu jew mod ta' esekuzzjoni fit-tieni u t-tielet talbiet tagħhom. Minn dan l-aspett, jidher li s-sitt eċċezzjoni hija mistħoqqa. B'danakollu, dan il-fatt ma joqtolx is-siwi tal-azzjoni attriċi kollha kemm hi;

Illi għalhekk, il-Qorti hija fid-dmir li tistħarreġ il-kwestjoni tat-titolu invokat mill-atturi, għaliex din it-talba ewlenija tagħhom hija kruċjali u rilevanti;

Illi jrid jingħad ukoll li tqanqal xi dubju jekk l-art li l-atturi jgħidu li għandhom sehem minnha u s-sehem ta' art miksub mill-imħarrek humiex l-istess ħaġa. Dwar dan, il-Qorti ma setgħetx toqgħod wisq fuq id-deskrizzjoni mogħtija lill-beni fir-rispettivi kuntratti mressqin mill-partijiet, u wisq anqas fuq l-irjieħ konfinanti. Kellha tipprova tasal fuq il-pjanti mressqin. Qabblet il-pjanta

mehmuża mal-kuntratt tal-akkwist tal-imħarrek[34] flimkien mal-pjanta mressqa mill-Perit Richard Aquilina (imqabbad mill-atturi *ex parte*)[35] u dik imressqa mill-uffiċjal fid-Dipartiment tal-Biedja[36] waqt il-ġbir tal-provi. Ma' dawn, qieset id-dikjarazzjoni ta' Ġużeppi Buttiġieġ[37] (magħmula xi sena qabel ma nbdiet il-kawża) u d-dokumenti mressqin mill-attur Frank Paċe fis-seduta tal-24 ta' Marzu, 1994[38]. Minn din il-ġabra ta' dokumenti kollha l-Qorti tasal għall-fehma li l-partijiet f'din il-kawża qegħdin jirreferu għall-istess "pakkett" ta' art, u b'mod preċiż dik il-parti li llum tagħmel biċċa minn Vjal il-Ħamsa u Għoxrin ta' Novembru, Żejtun;

Illi jekk jiġu applikati l-prinċipji fuq imsemmija fid-dawl tal-provi li jirriżultaw joħroġ li t-titolu vantat mill-atturi jmur lura għall-elf tmin mija u erba' u sebgħin (1874) bħala titolu oriġinali, għaliex fis-sewwa l-kuntratt minnhom imressaq jindika titolu derivattiv (il-qasma li saret bl-att nutarili ta' n-Nutar Teodoro Gera) sentejn qabel dik id-data. Intwera li Lorenzo Paċe kien tassew il-bużnannu tal-atturi[39], għall-kuntrarju ta' dak li jingħad fl-ewwel paragrafu tad-Dikjarazzjoni mehmuża maċ-Ċitazzjoni. L-atturi, madankollu, ma ressqu l-ebda att pubbliku ieħor biex ifissru kif (u kemm minn) dik l-art għaddiet għandhom. Dan minkejja li l-attur kien iddikjara li kien sejjer iressaq kopja tal-kuntratti li bis-saħħa tagħhom nannuh Carmelo kiseb l-ishma ta' ħutu dwar l-imsemmija art. Joqogħdu biss fuq xhieda – għal kollox attendibbli u bl-ebda mod kontestata – li missierhom u huma kienu jirċievu l-qbiela mingħand il-bdiewa li kienu jaħdmu dik l-art (naturalment, sakemm għaddiet it-triq);

Illi, min-naħa l-oħra, jekk wieħed iqis l-eqdem provenjenza tal-imsejjaħ fil-kawża, isib li din tmur lura sal-1918, u l-imħarrek ressaq provi attendibbli biżżejjed (għalkemm wieħed mid-dokumenti[40] m'huwiex sħiħ) biex juru li t-titolu li wasal għand Joseph Moran, l-imsejjaħ fil-kawża, kien

[34] Paġ. 17 tal-proċess
[35] Ara Dok "FP2", f'paġġ. 98-9 tal-proċess
[36] Ara xhieda Anthony Borġ 15.7.1994 u Dok f'paġ. 145 tal-proċess
[37] Affidavit 19.1.1979, f'paġġ. 105-6 tal-proċess
[38] Dokti "X1" sa "X8" f'paġġ. 115 sa 122 tal-proċess
[39] Xhieda tal-attur Frank Paċe 24.2.1994, f'paġ. 100 tal-proċess
[40] Dok "AM1", f'paġġ. 198 sa 207 tal-proċess

pubbliku u għal żmien li ma jaqtax. Huwa minnu li l-eqdem provenjenza ma tmurx lura għal żmien iżjed qadim mill-provenjenza msemmija fil-kuntratt li bih il-bużnannu tal-atturi kiseb l-istess art;

Illi, madankollu, il-Qorti ssib li hemm żewġ konsiderazzjonijiet siewja li tqishom determinanti fis-soluzzjoni tal-kwestjoni. L-ewwel waħda hija li il-medda ta' żmien bejn il-kuntratt li fuqu qegħdin jistrieħu l-atturi u l-kuntratt tal-1918 ma teskludix trasferiment ta' xi sehem mill-istess art lill-awturi tal-imsejjaħ fil-kawża. Fi kliem ieħor, it-titolu tal-atturi ma jwarrabx jew ma jġibx fix-xejn id-dikjarazzjoni tal-provenjenza magħmula fil-kuntratt li bis-saħħa tiegħu Alfonso Moran, in-nannu tal-imsejjaħ fil-kawża, kiseb l-art mingħand ħuh Tommaso Moran[41]. It-tieni ċirkostanza hija li r-rabta ta' kontinwita' li l-atturi jgħidu li għandhom mal-art in kwestjoni – jiġifieri l-bidwi li għandu kienet imqabbla l-istess art, Ġużeppi Buttiġieġ – huwa l-istess persuna li ssemmi lill-familja tal-imsejjaħ fil-kawża bħala dik li lilha **wkoll** kienet titħallas parti mill-qbiela;

Illi dawn iż-żewġ ċirkostanzi jwasslu lill-Qorti għall-fehma li l-azzjoni attriċi ma tirnexxix jekk kemm-il darba titqies fl-għarbiel tal-azzjoni rivendikatorja fit-tifsira klassika tagħha;

Illi, madankollu, lanqas jekk l-azzjoni attriċi titqiegħed fil-parametri tal-azzjoni pubbliċjana ma tinħeles minn xkiel rilevanti. Huwa minnu li t-titolu tal-atturi jirriżuta li huwa eqdem mill-eqdem titolu li l-imħarrek jista' juri, imma kif ingħad qabel id-deċiżjoni li trid tagħti l-Qorti tissejjes fuq kif tkun imfassla l-azzjoni attriċi. Dan qiegħed jingħad ilgħaliex premessa ewlenija tal-azzjoni attriċi hija li "din l-art ma kinitx proprieta' tal-fuq imsemmi Joseph Moran iżda tappartieni lill-artturi". L-atturi iddeterminaw is-saħħa kollha tal-kawża tagħhom, għalhekk, fuq il-fatt li l-imsejjaħ fil-kawża ma kellu l-ebda jedd fuq dik l-art. Din il-prova ma tressqitx. Mhux biss, kif ingħad, il-kuntratt li bih l-imħarrek kiseb is-sehem tiegħu jagħti provenjenza raġunata, imma l-istess atturi ma wrew bl-ebda mod li,

[41] Dok "AM2", f'paġġ. 208 sa 210 tal-proċess

ħliefhom u l-kumpannija Joe-Joe Company Limited, ħadd iżjed m'għandu jedd għal dik l-art. Fis-sewwa, l-atturi baqgħu sal-lum ma fissrux x'inhu s-sehem li huma għandhom fuq dik l-art flimkien mal-imsemmija kumpannija;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-talbiet attriċi** billi la huma ippruvati u lanqas mistħoqqa;

**Tilqa' l-eċċezzjonijiet** tal-imħarrek Kummissarju tal-Artijiet;u

**Tordna** li l-atturi jħallsu l-ispejjeż tal-kawża.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------